# Is-Surmast Giuseppe Abdilla – kompożitur tat-*Tantum Ergo* magħruf b'mod popolari bħala 'tat-tfal'

■ Tagħrif miġbur minn **Anthony Debattista** u rranġat minn **Publio Agius**

Fi żmien is-seklu għoxrin Malta kellha numru ta' kompożituri tal-mużika li ħallew isem warajhom kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll personali. Fost dawn, insibu lis-Surmast Giuseppe Abdilla, li ftit nafu dwar il-ħajja tiegħu u wisq aktar dwar ix-xogħlijiet mużikali tiegħu.



Is-Surmast Ġużè Abdilla kif kien magħruf, twieled fil-Floriana fis-6 ta' Diċembru 1871 (1) u tgħammed l-għada fil-parroċċa ta' San Publju, fl-istess lokal. Għalkemm fi tfulitu ftit tgħallem skola, madanakollu aktar tard xorta għamel minn kollox biex jiżviluppa t-talenti mużikali tiegħu.

Studja l-mużika taħt surmastrijiet ċelebri Maltin: l-Onorevoli Maestro Giuseppe Emanuele Bonavia u s-Surmast Professur Paolino Vassallo. Aktar tard kien stabbilixxa ruħu bħala wieħed mill-*Maestro di Cappella* li ddominaw il-mużika Maltija għal kważi n-nofs tas-seklu għoxrin. Abdilla kien kontrapuntist bravu u ta' ftit kliem, mistħi, qalbu f'idu, u reliġjuż ħafna, tant li kien ukoll soċju tas-Soċjetà tal-Mużew (2), imwaqqfa minn Dun Ġorġ Preca (San).

Biż-żwieġ ta' oħtu Elena ma' Riccardo Bugeja, Abdilla tħallat mal-familja Bugeja u għalhekk ifforma parti mid-dinastija ta' Bugeja, u meta Riccardo miet fl-1926, Abdilla kien imur regolarment imexxi l-mużika fil-festi.

Minkejja l-ġenjalità mużikali tiegħu, Abdilla ma kienx imkabbar bih inniffsu, u b'sens ta' umiltà kien stqarr li l-ħsieb ewlieni tiegħu kien propju dak li jgħaddi lin-neputi tiegħu Ċensinu Bugeja kull ma kien jaf dwar il-mużika. Ix-xewqa tiegħu kienet, li jkompli jarah jiġi 'l quddiem u permezz tal-mużika jkompli jagħmel ġieħ lil nislu.

Imma l-mistoqsija tiġi waħedha. X'kienet ir-raġuni li Abdilla dejjem żamm lura milli jesponi l-kompożizzjonijiet tiegħu taħt ismu? Għaliex il-kompożizzjonijiet tiegħu kien iwellidhom hu u wara jgħaddihom lil neputih Ċensinu? Mistoqsijiet li wieħed bilfors jasal għalihom, meta nafu li bosta xogħlijiet ta' Abdilla, li qatt ma ġie identifikat bħala l-awtur tagħhom, sabu posthom fir-repertorju ta' neputih Ċensinu, fl-isforz tiegħu biex isaħħaħ il-Cappella Bugeja. Uħud jaħsbu li dan kien ftit jew wisq influwenzat mill-prinċipji reliġjużi tas-Soċjetà tal-Mużew, li tagħha kien membru u għalhekk ried isegwi ċerti regoli li fuqhom kien jisħaq il-fundatur tagħha, Dun Ġorġ Preca. Il-virtù tal-umiltà, tal-vanaglorja, kif ukoll tar-rispett uman, kienu fost l-aktar suġġetti mgħallma minn Dun Ġorġ u għalhekk bħala membru ma setax ma jiddakkarx minnhom biex ikun fidil lejn ir-regola tas-Soċjetà.

Forsi wieħed mill-ftit xogħlijiet mużikali li Abdilla ħalla b'ismu, li hi meqjusa bħala monument tax-xogħol kollu mużikali tiegħu, hi propju kompożizzjoni tat-*Tantum Ergo in fa minore* (aktar magħruf bħala 'tat-tfal' ), għal tenur, kor tas-subien, kor maskili bi tliet vuċijiet u orkestra. Ħafna kritiċi tal-mużika sagra jqisuh bħala l-isbaħ *Tantum Ergo* fost dawk li nkitbu mill-kompożituri Maltin, b'melodija li ssaħħar u li tnissilek emozzjoni divina. Il-Furjaniżi li jattendu għall-funzjonijiet tat-tridu tal-festa ta' San Publju, partikolarment il-Ġimgħa ta' qabel il-festa, jistennew b'ħerqa l-mument tal-barka bis-Sagrament Imqaddes, meta normalment jindaqq u jitkanta t-*Tantum Ergo* tat-tfal.

Fil-qasam internazzjonali, Giuseppe Abdilla għamel isem ukoll barra minn xtutna. Dr Rolandi jgħarrafna li Abdilla kien rebbieħ tat-tieni premju fil-konkors internazzjonali mniedi mis-'*Società Santa Cecilia ta' Bologna*', fl-Italja, għall-aħjar kompożizzjoni sinfonika. Dan il-premju jixhed biżżejjed il-ħila tiegħu fl-arti mużikali.

Giuseppe Abdilla kien ukoll jifforma parti mill-'*Camera degli autori e compositori di musica Maltese*' li l-għanijiet tagħha kienu l-ħarsien tal-interessi mhux biss tal-membri tagħha, imma wkoll tal-kompożituri Maltin, mejtin.

Is-Surmast Abdilla miet fil-11 ta' April 1941 (3), waqt it-Tieni Gwerra Dinjija, f'Victoria, Għawdex fejn kien jinsab refuġjat.

**Bibljografija:**

Joseph Vella Bondin – Maltin u Għawdxin tal-bieraħ u tallum – Rob. Mifsud Bonnici. (Malta - Giov. Muscat 1951)

Arkivju tal-Parroċċa ta' San Publju, Floriana – Reġistru. tat-twelid Reġistru Pubbliku – Għawdex.

Dokumenti tas-Soċjetà tad-Dutrina Nisranija - MUSEUM.

**Noti:** (1) Ċertifikat tat-twelid maħruġ mill-Parroċċa ta' San Publju Floriana, bid-data 3/07/2005

(2) Estratt li jindika li s-soċju Giuseppe Abdilla kien jattendi l-Qasam X (illum XI) fil-Floriana

(3) Ċertifikat tal-mewt maħruġ mir-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex bid-data 3/01/1975